KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 14.10.2005
KUMM(2005) 484 finali

# GREEN PAPER

## It-titjib tas-saħħa mentali tal-popolazzjoni
## Lejn strateġija għall-Unjoni Ewropea dwar is-saħħa mentali

MT MT

# WERREJ


1. Daħla ... 3

2. Saħħa mentali – ċentrali għaċ-ċittadini, soċjeta' u politika ... 4

3. Is-sitwazzjoni – saħħa mentali ħażina, sfida dejjem akbar għall-UE ... 4

4. L-iżvilupp ta' reazzjonijiet: Inizjattivi politiċi fuq is-saħħa mentali ... 5

4.1. Il-Komunità Ewropea, il-mandat tagħha u l-attivitajiet fil-qasam tas-saħħa mentali .. 5

4.2. Is-saħħa mentali fl-Istati Membri ... 7

5. Il-bżonn għal Strateġija ta' l-UE fuq is-saħħa mentali ... 7

6. It-tiftix għal soluzzjonijiet – għażliet ta' azzjoni ... 8

6.1. Il-Promozzjoni tas-saħħa mentali u l-indirizz tas-saħħa mentali permezz ta' azzjoni preventiva ... 8

6.1.1. Il-Promozzjoni tas-saħħa mentali tal-popolazzjoni ... 8

6.1.2. L-indirizz tas-saħħa mentali ħażina permezz ta' azzjoni preventiva; ... 10

6.2. Il-promozzjoni ta' l-inklużjoni soċjali għal persuni mentalment morda jew diżabbli u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom u tad-dinjità ... 11

6.3. It-titjib ta' l-informazzjoni u l-għarfien dwar is-saħħa mentali fl-UE ... 12

7. Proċess ta' konsultazzjoni għall-iżvilupp ta' strateġija ta' l-UE dwar is saħħa mentali ... 13

7.1. Il-Ħolqien ta' Djalogu dwar is-Saħħa Mentali ma' l-Istati Membri ... 13

7.2. It-tnedija ta' Pjattaforma ta' l-UE għas-Saħħa Mentali ... 13

7.3. L-iżvilupp ta' punt ta' kuntatt bejn il-politika u riċerka fuq is-saħħa mentali ... 13

8. Il-Passi li jmiss ... 14

*GREEN PAPER*

**It-titjib tas-saħħa mentali tal-popolazzjoni**
**Lejn strateġija għall-Unjoni Ewropea dwar is-saħħa mentali**

## 1. DAĦLA

Is-saħħa mentali tal-popolazzjoni Ewropea hija riżors biex jintlaħqu xi għanijiet strateġiċi ta' politika, bħal pereżempju biex l-Ewropa titpoġġa lura fit-triq ta' prosperità fuq medda twila ta' żmien, biex tkun sostnuta r-rabta ta' l-Ewropa għal solidarjetà u ġustizzja soċjali, u sabiex jinġiebu benefiċji prattiċi tanġibbli għall-kwalità ta' ħajja taċ-ċittadini Ewropej[1].

Madankollu, is-saħħa mentali tal-popolazzjoni ta' l-UE tista' titjieb konsiderevolment:

- Saħħa mentali ħazina taffetwa kull raba' ċittadin u tista' twassal għal suwiċidju, il-kawża ta' wisq imwiet;
- Saħħa mentali ħazina tikkawża telfiet sinifikanti u piżijiet lis-sistemi ekonomiċi, soċjali, edukattivi kif ukoll lis-sistemi tal-kriminalità u l-ġustizzja;
- Għadhom jeżistu l-istigmatizzazzjoni, d-diskriminazzjoni u n-nuqqas ta' rispett lejn id-drittijiet umani u d-dinjità ta' dawk morda mentalment u tal-persuni b'diżabbiltà, u dan huwa sfida lil valuri Ewropej tal-qofol.

It-titjib huwa possibli. Diġà ttieħdu ħafna inizjattivi. Hemm bżonn ta' iktar żvilupp u konsolidazzjoni ta' l-azzjonijiet eżistenti. F'Jannar 2005 il-Konferenza Ministerjali Ewropea tad-*WHO* dwar is-Saħħa Mentali stabilixxiet qafas għal azzjoni komprensiva, u ħolqot impenn politiku b'saħħtu għas-saħħa mentali. Stiednet lill-Kummissjoni Ewropea, sieħba kollaborattiva tal-konferenza, biex tikkontribwixxi fit-twettiq ta' dan il-qafas ta' azzjoni, skond il-kompetenzi tagħha u l-aspettativi tal-Kunsill u bi sħab mad-*WHO*.

Din il-*Green Paper* hija l-ewwel risposta għal din l-istedina. Tipproponi li twaqqaf strateġija ta' l-UE dwar is-saħħa mentali. Dan kieku jżid il-valur: billi jikkostitwixxi qafas għal skambju u kooperazzjoni bejn Stati Membri; billi jgħin biex tiżdied il-koerenza ta' azzjonijiet fis-setturi ta' politika ta' saħħa u dawk li mhumiex fil-livell ta' l-Istati Membri u tal-Kommunità; u billi jippermetti l-involviment ta' medda wiesgħa ta' *stakeholders* rilevanti fil-kostruzzjoni ta' soluzzjonijiet.

L-għan ta' din il-*Green Paper* huwa li tniedi dibattitu ma' l-istituzzjonijiet Ewropej, il-Gvernijiet, il-professjonisti tas-saħħa, l-i*stakeholders* f'setturi oħra, is-soċjetà ċivili inklużi organizzazzjonijiet ta' pazjenti, u l-kommunità ta' riċerka dwar ir-relevanza tas-saħħa mentali għall-UE, l-bżonn ta' strateġija fil-livell ta' l-UE u l-prijoritajiet possibbli.

Skond il-proviżjonijiet ta' l-Artikolu 152 tat-Trattat tal-KE, xi proposti fis-settur tas-saħħa pubbblika li saru f'din il-*Green Paper* jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kommunità. Aktar proposti se jkunu l-kompetenza esklussiva ta' l-Istati Membri. Għal proposti ta' azzjoni f'oqsma oħra ta' politika, il-bażijiet legali xierqa se japplikaw.

L-għan tal-Kummissjoni huwa li tippublika r-riżultati tal-proċess ta' konsultazzjoni flimkien ma', jekk dan ikun f'loku, il-proposta tagħha għal strateġija fuq is-saħħa mentali għall-UE sa l-aħħar ta' 2006.

## 2. SAĦĦA MENTALI – ĊENTRALI GĦAĊ-ĊITTADINI, SOĊJETA' U POLITIKA

M'hemm l-ebda saħħa mingħajr saħħa mentali. Għaċ-*ċittadini*, is-saħħa mentali hija riżors li jippermettilhom jirrealizzaw l-potenzjal intelletwali u emozzjonali u biex isibu u jwettqu r-rwol tagħhom fil-ħajja soċjali, ta' l-iskola u x-xogħol. Għas-*soċjetajiet*, is-saħħa mentali tajba taċ-ċittadini tikkontribwixxi għal prosperità, solidarjetà u ġustizzja soċjali. Kuntrarjament, is-saħħa mentali ħażina timponi nefqiet enormi, telfiet u piżijiet fuq iċ-ċittadini u s-sistemi tas-soċjetà.

**Is-saħħa mentali, is-saħħa mentali ħażina u x'jiddeterminaha:**

Id-*WHO* tiddeskrivi s-**saħħa mentali** bħala: "stat ta' benesseri fejn l-individwu jirrealizza l-abiltajiet tiegħu jew tagħha, jista' jfendi bit-tensjonijiet normali tal-ħajja, jista' jaħdem b'mod produttiv u li jħalli l-frott, u jista' jikkontribwixxii lill-kommunità tiegħu jew tagħha".[2]

**Is-saħħa mentali ħażina** tinkludi problemi ta' saħħa mentali u tensjoni, il-funzjonament ħażin assoċjat ma' diqa, sintomi, u diżordni mentali dijanjostikabbli, bħall-iskizofrenja u d-dipressjoni.

Il-kundizzjoni mentali tal-persuni hija determinata minn **ħafna fatturi** (anness 1), li jinkludu dawk bijoloġiċi, (eż. ġenetika, sess), individwali (eż. esperjenzi personali), familjari u soċjali (eż. appoġġ soċjali) kif ukoll ekonomiċi u ambjentali (eż. stat soċjali u kundizzjonijiet ta' għixien).

## 3. IS-SITWAZZJONI – SAĦĦA MENTALI ĦAŻINA, SFIDA DEJJEM AKBAR GĦALL-UE

### Id-dimensjoni tas-saħħa

Huwa stmat li f'sena waħda aktar minn 27% ta' l-adulti Ewropej jesperjenzaw mill-anqas forma waħda ta' saħħa mentali ħażina (ara l-anness 2)[3]

Il-forom l-aktar komuni ta' saħħa mentali ħażina fl-UE huma l-ansjetà u d-dipressjoni. Sas-sena 2020, id-dipressjoni hija maħsuba li se tkun l-ogħla kawża ta' mard fid-dinja żviluppata[4]

Bħalissa, fl-UE, kull sena madwar 58,000 ċittadin imut permezz ta' suwiċidju (anness 3), aktar mill-imwiet annwali kkawżati mill-inċidenti tat-traffiku, l-omiċidju, jew l-*HIV/AIDS*[5].

Hemm rabta mill-qrib bejn is-saħħa mentali u dik fiżika. Implikazzjoni waħda: l-integrazzjoni tas-saħħa mentali fil-proviżjoni ta' kura ġenerali fl-isptar tista' tnaqqas sostanzjalment il-perjodi fl-isptar, u b'hekk tillibera riżorsi ekonomiċi.

**L-impatt fuq il-prosperità, is-solidarjetà u l-ġustizzja soċjali**

L-implikazzjonijiet ta' saħħa mentali ħażina huma ħafna:

Is-saħħa mentali ħażina hija stmata li tiswa lill-UE bejn 3%-4% tal-PGD, l-aktar minħabba telf fil-produttività[6]. Id-disturbi mentali huma kawża prinċipali ta' l-irtirar bikri u ta' pensjonijiet ta' diżabiltà[7].

Disturbi fil-kondotta u l-imġiba fit-tfulija huma spiża fuq is-sistemi soċjali, edukattivi u kriminali (ara l-anness 4)[8].

Aktar nefqiet li mhumiex tanġibbli jikkonċernaw il-mod li bih is-soċjetà tittratta lil persuni b'mard mentali u b'diżabiltà. Minkejja għażliet ta' trattament aħjar u żviluppi pożittivi fil-kura psikjatrika, persuni b'saħħa mentali ħażina jew b'diżabiltà għadhom jesperjenzaw l-esklużjoni soċjali, l-istigmatizzazzjoni, id-diskriminazzjoni jew in-nuqqas ta' rispett lejn id-drittijeit fundamentali u d-dinjità tagħhom.

## 4. L-IŻVILUPP TA' REAZZJONIJIET: INIZJATTIVI POLITIĊI FUQ IS-SAĦĦA MENTALI

Il-perċezzjoni dejjem tikber tas-saħħa mentali ħażina bħala problema wasslet lil ħafna nies li jfasslu l-politika, professjonisti tas-saħħa u *stakeholders* oħra biex ifittxu soluzzjonijiet, l-aktar reċentement fil-Konferenza Ministerjali tad-*WHO* u ta' l-Ewropa dwar is-Saħħa Mentali[9].

Hemm qbil li l-ewwel prijorità hija li jingħataw servizzi effettivi u ta' kwalità għolja ta' kura u trattament, li jkunu aċċessibbli għal dawk b'saħħa mentali ħażina[10].

Madankollu, għalkemm intervenzjonijiet mediċi għandhom rwol ċentrali biex jilqgħu għall-isfidi, weħidhom ma jistgħux jindirizzaw u jbiddlu fatturi soċjali determinanti. Għalhekk, skond l-istrateġija tad-*WHO*, hemm bżonn ta' metodu komprensiv, li jinkludi l-provvediment ta' trattament u kura għal individwi, iżda wkoll azzjoni għal popolazzjoni sħiħa sabiex tiġi promossa s-saħħa mentali, biex jipprevjeni s-saħħa mentali ħażina u biex jindirizza l-isfidi assoċjati ma' l-istigma u d-drittijiet umani. Dan il-metodu għandu jinvolvi ħafna atturi, inkluż setturi ta' politika tas-saħħa u mhumiex, kif ukoll *stakeholders* li d-deċiżjonijiet tagħhom iħallu impatt fuq is-saħħa mentali tal-popolazzjoni. L-organizzazzjonijiet tal-pazjenti u s-soċjetà ċivili għandhom jingħataw rwol prominenti biex jinbnew is-soluzzjonijiet.

### 4.1. Il-Komunità Ewropea, il-mandat tagħha u l-attivitajiet fil-qasam tas-saħħa mentali

Il-mandat ta' azzjoni fil-livell Komunitarju fil-qasam tas-saħħa pubblika huwa definit fl-Artikolu 152 tat-Trattat tal-KE. Jgħid li: "Il-livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa umana għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-istrateġiji u l-attivitajiet kollha Komunitarji."[11].L-azzjoni tal-Komunità għandha tikkumplimenta l-politika nazzjonali għat-titjib tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard, l-informazzjoni u edukazzjoni dwar is-saħħa, kif ukoll tnaqqas il-ħsara relatata mad-droga, u tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri f'dawn l-oqsma. L-Istati Membri huma esklussivament kompetenti għall-organizzazzjoni tas-servizzi ta' saħħa u kura. Għal politika oħra tal-Komunità japplikaw il-bażijiet legali li jkunu jgħoddu.

Skond dawn il-kompetenzi, is-saħħa mentali hija kwistjoni għall-Komunità Ewropea permezz ta':

- Il-kontribuzzjoni li saħħa mentali tajba tal-popolazzjoni tista' tagħti lil xi oġġettivi politiċi strateġiċi;

- Ir-rwol tal-Komunità biex tinkoraġixxi u twieżen il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u biex tindirizza l-inugwaljanzi bejniethom; u

- L-obbligu tal-Komunità biex tikkontribwixxi għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem permezz tal-politika u l-attivitajiet tagħha.

Tul l-aħħar snin, inizjattivi varji speċifiċi ġew żviluppati f'diversi miżuri tal-Komunità:

– Il-**politika tas-saħħa** tal-Komunità ilha tinkludi s-saħħa mentali mill-1997 permezz ta' proġetti speċifiċi u inizjattivi ta' politika[12] (anness 5). Il-*Programm tas-Saħħa* ta' l-UE *2003-2008*[13] jipprovdi l-bażi legali għall-azzjoni. Aktar prijoritajiet relatati indirizzaw l-abbuż tad-droga u l-ħsara kkawżata mill-alkoħol.

– Inizjattivi taħt il-**politika soċjali u ta' l-impjiegi** tal-Komunità indirizzaw in-nuqqas ta' diskriminazzjoni kontra persuni b'saħħa mentali ħażina, l-inklużjoni soċjali ta' persuni b'diżabiltà, u l-prevenzjoni ta' tensjoni fuq il-post tax-xogħol, li tinkludi:

  – L-adozzjoni tad-Direttiva 2000/78/KE li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni, fost l-oħrajn fuq bażi ta' diżabiltà, fil-qasam ta' l-impjiegi[14];

  – Azzjonijiet taħt is-Sena Ewropea għal Persuni b'Diżabiltà fl-2003; u

  – L-adozzjoni ta' Ftehim ta' Qafas Ewropew dwar Tensjoni relatata max-Xogħol bejn is-sieħba soċjali fl-2004.

– Il-**Programmi ta' Qafas tar-Riċerka** tal-Komunità kienu u jibqgħu sors importanti ta' fondi għar-riċerka mentali[15] Eżempju ta' dan huwa l-proġett "*MHEDEA-2000*" li għamel analiżi Ewropea dwar id-diżabiltà mentali[16]

– **Il-politika dwar is-soċjetà ta' informazzjoni u l-*media*** tappoġġja l-iżvilupp ta' għodod ibbażati fuq l-Informazzjoni u Teknoloġija tal-Kompjuter (*ICT*) għal użu fil-prevenzjoni, id-dijanjosi u l-kura[17].

– **Il-politika reġjonali** tappoġġja investimenti ta' infrastruttura fil-qasam tas-saħħa li hija ta' siwi għall-aġġustament strutturali tar-reġjuni.

– **Il-politika edukattiva** tindirizza s-saħħa mentali bħala parti mix-xogħol ta' politika (eż. dwar kompetenzi ewlenin għas-soċjetà ta' l-għarfien) u permezz ta' proġetti.

– Bħala parti mill-politika tal-Komunità ta' **libertà, ġustizzja u sigurtà**, il-programm *DAPHNE II* jiġġieled kontra l-vjolenza fuq it-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa[18]. Vjolenza bħal din tista' toħloq problemi ta' saħħa mentali.

Madankollu, strateġija komprensiva fuq is-saħħa mentali, li kieku torbot dawn l-attivitajiet kollha, għadha ma teżistix fil-livell tal-Komunità. Strateġija ta' dan it-tip kieku ssaħħaħ il-koerenza u l-effettività ta' inizjattivi kurrenti u futuri.

## 4.2. Is-saħħa mentali fl-Istati Membri

Hemm disparitaijiet sinifikanti bejn (u anke *fi*) Stati Membri. Eżempju wieħed huma r-rati ta' suwiċidju, li jvarjaw minn 3.6 għal kull 100 000 persuna fil-Greċja għal 44 għal kull 100 000 persuna fil-Litwanja, li hija l-ogħla fid-dinja[19]. Il-proporzjonijiet tal-baġit dedikati għas-saħħa mentali jvarjaw ħafna wkoll fl-Istati Membri (ara l-anness 6).

> Ir-rapport tal-2004 "L-istat tas-saħħa mentali fl-Unjoni Ewropea"[20] sab li l-qagħda tas-saħħa mentali mhijiex uniformi fl-Istati Membri, minflok, jirrifletti diversità bejn il-pajjiżi, is-sitwazzjonijiet, it-tradizzjonijiet u l-kulturi tagħhom.
>
> L-istorja tal-pajjiżi miġbura fil-pubblikazzjoni ta' l-2005 "Il-promozzjoni tas-saħħa mentali u l-prevenzjoni tad-disturbi mentali fl-Istati Membri Ewropej: ħarsa globali"[21] tippreżenta sfidi, miżuri u strutturi fl-Istati Membri.

Minħabba d-disparità bejn l-Istati Membri, mhux possibbli li tasal għal konklużjonijiet sempliċi jew li tipproponi soluzzjonijiet uniformi. Madankollu, hemm lok għall-iskambju u l-kooperazzjoni bejn Stati Membri u l-opportunità li jitgħallmu minn xulxin.

Għadd ta' dokumenti ta' politika addottati mill-Kunsill tal-Ministri mill-1999[22], taw sinjal li l-Istati Membri jixtiequ jużaw il-livell ta' l-UE għall-kooperazzjoni fil-qasam tas-saħħa mentali. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati f'Ġunju 2005 saħħu dan il-messaġġ billi stiednu lill-Istati Membri jagħtu l-attenzjoni dovuta lill-implimentazzjoni tar-riżultati tal-Konferenza Interministerjali tad-*WHO* u Ewropea fuq is-Saħħa Mentali. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tappoġġja din l-implimentazzjoni fuq il-bażi tal-kompetenzi tagħha.

# 5. IL-BŻONN GĦAL STRATEĠIJA TA' L-UE FUQ IS-SAĦĦA MENTALI

It-twaqqif ta' strateġija fuq is-saħħa mentali fil-livell ta' l-UE jżid il-valur permezz ta':

(1) Ħolqien ta' qafas għall-iskambju u l-kooperazzjoni bejn Stati Membri;

(2) Għajnuna biex tiżdied il-koerenza ta' azzjonijiet f'setturi differenti ta' politika;

(3) Biex tinfetaħ pjattaforma għall-involviment ta' l-*istakeholders* li tinkludi organizzazzjonijiet ta' pazjenti u tas-soċjetà ċivili fil-kostruzzjoni ta' soluzzjonijiet.

Il-konsultazzjoni għandha tidentifika b'liema mod l-istrumenti ta' politika u finanzjarji tal-Komunità, per eżempju l-Programmi ta' Qafas għar-Riċerka, jikkontribwixxu għat-titjib tas-saħħa mentali tal-popolazzjoni. L-Istati Membri huma inkoraġġiti biex flimkien jeżaminaw mar-reġjuni u mal-Kummissjoni kif il-Fondi Strutturali jistgħu jintużaw aħjar biex, fil-qasam tas-saħħa mentali, fit-tul jitjiebu l-faċilitajiet kif ukoll l-infrastruttura. Kontribuzzjoni orizzontali tal-Kummissjoni tista' tiġġenera informazzjoni u tagħrif fuq l-istat tas-saħħa mentali fl-UE, dwar id-determinanti tas-saħħa mentali u l-possibiltajiet biex jindirizzaw saħħa mentali ħażina.

L-istrateġija tad-*WHO* għar-Reġjun Ewropew, ir-riżultati ta' attivitajiet taħt il-Programmi ta' l-UE, kif ukoll evidenza disponibbli fi Stati Membri għandhom jintużaw biex jiżviluppaw l-istrateġija.

Il-Kummissjoni tipproponi li strateġija ta' l-UE tista' tiffoka fuq dawn l-aspetti:

(1) Tippromwovi s-saħħa mentali ta' kulħadd;

(2) Tindirizza s-saħħa mentali ħażina permezz ta’ azzjoni preventiva;

(3) Ittejjeb il-kwalità tal-ħajja ta’ nies b’saħħa mentali ħażina jew diżabiltà permezz ta' l-inklużjoni soċjali u l-protezzjoni tad-drittijiet u d-dinjità tagħhom; u

(4) Tiżviluppa informazzjoni fuq is-saħħa mentali, sistema ta’ riċerka u tagħrif għall-UE.

## 6. IT-TIFTIX GĦAL SOLUZZJONIJIET – GĦAŻLIET TA’ AZZJONI

Hemm bżonn li l-impenji politiċi li hemm bħalissa jiġu tradotti f’azzjoni. Proġetti taħt il-Programmi ta’ Saħħa Pubblika ta' l-UE wrew li l-azzjoni hija possibbli u tista’ tkun ta' suċċess u ta' effikaċja fin-nefqa. Proġetti oħra kkontribew biex tjiebet il-bażi ta’ tagħrif u informazzjoni fuq is-saħħa mentali fl-UE.

In-*network* "L-implimentazzjoni ta’ Azzjoni għall-Promozzjoni tas-Saħħa Mentali (*IMPHA*)"[23] żviluppa *database* fuq l-Internet li jiddeskrivi l-programmi li hemm bħalissa, stampa ta' l-evidenza dwar il-prevenzjoni u l-promozzjoni, u pjan ta’ azzjoni "Il-promozzjoni tas-Saħħa Mentali u l-Prevenzjoni tad-Disturbi Mentali. Politika għall-Ewropa"[24].

### 6.1. Il-Promozzjoni tas-saħħa mentali u l-indirizz tas-saħħa mentali permezz ta’ azzjoni preventiva

Il-promozzjoni tas-saħħa mentali u prevenzjoni tas-saħħa mentali ħażina tindirizza determinanti tas-saħħa mentali individwali, tal-familja, tal-komunità u tas-soċjetà, billi ssaħħaħ fatturi protettivi (pereżempju, l-kapaċità ta' rkupru) u tnaqqas il-fatturi ta’ riskju[25] (anness 7). L-iskejjel u postijiet tax-xogħol, fejn in-nies iqattgħu parti kbira mill-ħin tagħhom, huma postijiet ta' importanza kruċjali għall-azzjoni.

#### *6.1.1. Il-Promozzjoni tas-saħħa mentali tal-popolazzjoni*

*Il-bini ta’ saħħa mentali fit-trabi, tfal u adoloxxenti*

Peress li s-saħħa mentali tiġi determinata ħafna matul l-ewwel snin ta’ ħajja, il-promozzjoni tas-saħħa mentali fit-tfal u l-adoloxxenti hija investiment għall-futur. It-tagħlim ta’ ħiliet tat-trobbija tat-tfal jista’ jtejjeb l-iżvilupp ta' l-ulied. Metodu olistiku fl-iskola jista' jżid il-kompetenzi soċjali, jtejjeb il-kapaċità ta' rkupru, u jnaqqas l-ibbulijar, l-ansjetà u s-sintomi dipressivi.

*Xi azzjonijiet ta’ suċċess identifikati permezz ta’ proġetti* ta' l-UE[26]

<u>It-trabi u tfal</u>: l-indirizz tad-dipressjoni ta' wara l-ħlas fl-ommijiet; titjib fil-ħiliet tat-trobbija tat-tfal; żjarat fid-djar minn infermiera biex jgħinu ġenituri futuri u dawk friski; intervenzjonijiet ta’ infermiera fl-iskola.

<u>Adolexxenti u żgħażagħ:</u> Ambjent u spirtu pożittiv fl-iskola; ġabriet ta' tagħrif fuq is-saħħa mentali għall-istudenti, il-ġenituri u l-għalliema.

*Il-promozzjoni tas-saħħa mentali fil-popolazzjoni tal-ħaddiema*

Waqt li saħħa mentali tajba żżid il-kapacità u produttività fuq ix-xogħol, kundizzjonijiet ħżiena ta' xogħol li jinkludu intimidazzjoni mill-kollegi, jwasslu għal saħħa mentali ħażina, lif għal mard u aktar spejjeż. Sa 28% ta' l-impjegati fl-Ewropa jirrapurtaw li hemm tensjoni fuq il-post tax-xogħol[27] Interventi biex titjieb il-kapaċità individwali u biex jnaqqsu dawk li jikkawżaw it-tensjoni fl-ambjent ta' xogħol iżid l-iżvilupp ta' saħħa u ekonomija.

| |
|---|
| *Xi azzjonijiet ta' suċċess identifikati permezz ta' proġetti* ta' l-UE[28] |
| Post ta' xogħol u kultura ta' mmaniġġjar parteċipattivi; identifikazzjoni ta' saħħa mentali ħażina fil-ħaddiema; arranġamenti ta' ħidma skond il-bżonnijiet tal-ħaddiema (eżempju ħin ta' xogħol flessibbli). |

*Il-promozzjoni ta' saħħa mentali f'persuni aktar anzjani*

Popolazzjoni ta' l-UE li dejjem qiegħda tikber fl-età, bil-konsegwenzi ta' saħħa mentali li huma assoċjati magħha, issejjaħ għal azzjoni effettiva. Ix-xjuħija ġġib magħha ħafna fatturi ta' tensjoni li jistgħu jżidu s-saħħa mentali ħażina, bħat-tnaqqis fil-kapaċità funzjonali u l-iżolament soċjali. Id-dipressjoni tard fil-ħajja u kundizzjonijiet newro-psikjatriċi relatati ma' l-età, bħad-demenza, se jżidu l-piż ta' disturbi mentali. Interventi ta' appoġġ urew li jtejbu l-istat mentali f'popolazzjonijiet ixjeħ.

| |
|---|
| *Xi azzjonijiet ta' suċċess identifikati permezz ta' proġetti* ta' l-UE[29] |
| *Networks* ta' appoġġ soċjali; inkoraġġiment ta' attività fiżika u parteċipazzjoni fil-programmi tal-komunità u l-volontarjat. |

*Il-mira lejn gruppi vulnerabbli fis-soċjetà*

Status soċjali u ekonomiku baxx iżid il-vulnerabbiltà għas-saħħa mentali ħażina. It-telfien ta' l-impjieg u l-qgħad jistgħu jnaqqsu l-istima li persuna jkollha lejha nnifisha u tista' twassal għal dipressjoni. Immigranti u gruppi oħra emarġinati huma f'riskju ogħla ta' saħħa mentali ħażina. Intervenzjonijiet biex dawk bla xogħol jerġgħu jidħlu fis-suq ta' l-impjiegi jistgħu jkunu ta' nefqa effikaċi. L-appoġġ għal gruppi vulnerabbli jista' jtejjeb is-saħħa mentali, isaħħaħ il-koeżjoni soċjali, u jevita l-piżijiet soċjali u ekonomiċi assoċjati.

| |
|---|
| *Xi azzjonijiet ta' suċċess identifikati permezz ta' proġetti* ta' l-UE[30] |
| Servizz ta' pariri għall-gruppi f'riskju; appoġġ biex jidħlu lura fis-suq tax-xogħol; impjieg appoġġat għal dawk b'saħħa mentali ħażina jew diżabiltà. |

| |
|---|
| *Inizjtattiva possibbli fil-livell Komunitarju:* |
| **Suġġerimenti żviluppati tul il-proċess ta' konsultazzjoni bħala reazzjoni għal din il-*Green Paper* jistgħu jinbidlu fi proposta mill-Kummissjoni għal** Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Promozzjoni tas-saħħa mentali[31] |

*6.1.2. L-indirizz tas-saħħa mentali ħażina permezz ta' azzjoni preventiva;*

*Il-Prevenzjoni tad-Dipressjoni*

Id-dipressjoni hija waħda mill-aktar problemi serji ta' saħħa fl-UE.

| |
|---|
| Ir-rapport ta' l-esperti tal-2004 tal-Kummissjoni "Azzjonijiet Kontra d-Dipressjoni" janalizza d-dipressjoni u l-implikazzjonijiet tagħha għas-saħħa pubblika kif ukoll għas-sistemi soċjali u ekonomiċi u jippreżenta għażliet għal azzjoni[32] |

Strateġiji ta' l-iskola jinkludu ħiliet tal-ħajja, prevenzjoni ta' l-ibbulijar, strateġiji fuq il-post tax-xogħol biex tonqos it-tensjoni, u attività fiżika fi gruppi ixjeħ kollha jistgħu jnaqqsu is-sintomi ta' dipressjoni. Iż-żieda fl-għarfien tal-pubbliku dwar id-dipressjoni tista' tinkuraġixxi t-tiftix għal għajnuna u tnaqqas l-istigma u d-diskriminazzjoni.

| |
|---|
| *Xi azzjonijiet ta' suċċess:*<br><br>Interventi ta' natura komportamentista konjittiva; appoġġ psikoloġiku għal dawk li jinsabu f'riskju; it-taħriġ ta' professjonisti fil-qasam tas-saħħa dwar il-prevenzjoni, r-rikonoxximent u t-trattament tad-dipressjoni. |

*It-tnaqqis ta' disturbi minn użu ta' sustanzi*

L-alkoħol, id-drogi u sustanzi oħra psikoattivi ta' spiss ikunu ta' riskju għal problemi ta' saħħa mentali, jew konsegwenza tagħhom. Id-drogi u l-alkoħol huma prioritajiet stabbiliti tal-politika tas-saħħa fil-livell ta' Komunità:

*- Id-drogi*

| |
|---|
| Fl-2004, il-Kunsill adotta Strateġija ta' l-UE dwar id-Drogi 2005-2012[33] Fl-2005, il-Kunsill adotta Pjan ta' Azzjoni kontra d-Droga għas-snin 2005-2008[34] Sa l-aħħar ta' l-2006 il-Kummissjoni qed tippjana rapport dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill [35] |

*- L-alkoħol*

| |
|---|
| Fl-2001 il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni dwar ix-xorb ta' l-alkoħol miż-żgħażagħ. Il-Kummissjoni qiegħda tanalizza l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni, u tipprepara strateġija komprensiva biex tnaqqas il-ħsara relatata ma' l-alkoħol. |

*Il-Prevenzjoni tas-suwiċidju*

L-istrateġiji ta' prevenzjoni tas-suwiċidju qed jiġu żviluppati fl-Istati Membri. Evidenza dwar il-prevenzjoni tas-suwiċidju tappoġġja: ir-restrizzjoni ta' l-aċċess għal metodi għat-twettiq tas-suwiċidju, taħriġ ta' dawk li jipprovdu kura tas-saħħa u kollaborazzjoni bejn kura sekondarja u kura li tingħata bħala segwitu wara t-tentattivi ta' suwiċidju.

*Azzjoni ta' suċċess:*

L-Alleanza Ewropea kontra d-Dipressjoni (*EAAD*) għandha l-għan li tnaqqas id-dipressjoni u l-aġir suwiċidjali permezz tal-ħolqien ta' *networks* reġjonali ta' informazzjoni bejn il-qasam tas-saħħa, il-pazjenti u qrabathom, *facilitators* tal-komunità u l-pubbliku ġenerali. Proġett bi prova juri tnaqqis ta' 25% fis-suwiċidji u tentattivi ta' suwiċidju, speċjalment fost iż-żgħażagħ[36].

*Inizjtattiva possibbli fil-livell Komunitarju:*

**Suġġerimenti żviluppati tul il-proċess ta' konsultazzjoni bħala reazzjoni għal din il-*Green Paper* jistgħu jinbidlu fi proposta mill-Kummissjoni għal** Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tad-dipressjoni u l-aġir suwiċidjali.

### 6.2. Il-promozzjoni ta' l-inklużjoni soċjali għal persuni mentalment morda jew diżabbli u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom u tad-dinjità

Persuni b'saħħa mentali ħażina jew b'diżabiltà jiltaqgħu ma' biżgħa u preġudizzju minn persuni oħra, ta' spiss ibbażati fuq kunċetti żbaljati dwar is-saħħa mentali ħażina. L-istigma żżid is-sofferenza personali, l-esklużjoni soċjali u tista' tfixkel l-aċċess għall-alloġġ u l-impjiegi. Tista' wkoll iżomm lin-nies milli jfittxu l-għajnuna għax jibżgħu li jiġu tikkettati. Artikolu 13 tat-Trattat tal-KE jifrex bażi legali għal azzjoni fil-livell tal-Komunità għall-ġlieda kontra diskriminazzjoni, *inter alia* bbażata fuq id-diżabiltà. Jista' jkun hemm il-bżonn ukoll għal bidla fl-attitudnijiet tal-pubbliku, l-imsieħba soċjali, l-awtoritajiet pubbliċi u l-Gvernijiet: it-titjib ta' l-għarfien tal-pubbliku dwar is-saħħa mentali ħażina u għażliet ta' trattament, u l-inkuraġġiment biex il-persuni mentalment morda jew b'diżabiltà jkunu integrati fil-ħajja tax-xogħol, lkoll jistgħu joħolqu aċċettazzjoni akbar u għarfien fis-soċjetà kollha.

*Bidla fil-paradigma*

It-*tneħħija ta' l-istituzzjonalizzazzjoni* fis-servizzi tas-saħħa mentali u t-twaqqif ta' servizzi fil-kura primarja, ċentri tal-komunità u sptarijiet ġenerali, skond il-bżonnijet tal-pazjenti u familja, jistgħu jappoġġjaw l-inklużjoni soċjali. Sptarijiet mentali kbar jew istituti jistgħu faċilment jikkontribwixxu għall-istigma. Fi ħdan riformi fis-servizzi psikjatriċi, ħafna pajjiżi qed jitbiegħdu mill-għoti ta' servizzi tas-saħħa mentali permezz ta' istituzzjonijiet kbar tal-psikjatrija (f'xi Stati Membri ġodda, istituzzjonijiet ta' dan it-tip għadhom jirrappreżentaw biċċa kbira ta' l-infrastruttura tas-servizzi tas-saħħa mentali) u jersqu lejn servizzi bbażati fil-komunità. Dan jimxi id f'id mat-tagħlim lill-pazjenti u l-familji tagħhom kif ukoll l-istaff dwar strateġiji ta' parteċipazzjoni attiva u t-teħid tal-poter fuq ħajtek[37].

Studju għall-Kummissjoni, "Inklużi fis-soċjetà"[38], ikkonferma li t-tibdil ta' istituzzjonijiet f'alternattivi ibbażati fil-komunità ġeneralment jipprovdi opportunitajiet għal kwalità ta' ħajja aħjar għal persuni b'diżabiltà. Studju ġdid se janalizza u jippreżenta l-aħjar mod kif jistgħu jintużaw ir-riżorsi finanzjarji tal-lum biex jilħqu l-bżonnijiet tal-persuni b'diżabiltà, u jipprovdi evidenza dwar il-prezz tat-tneħħija ta' l-istituzzjonaliżmu[39].

Attivitajiet rilevanti ta' organizzazzjonijiet oħra internazzjonali:

Fi ħdan in-***network*** **tad-*WHO* għal Sparijiet li Jippromwovu s-Saħħa,** *Grupp ta' Ħidma dwar Servizzi Psikjatriċi li Jippromwovu s-Saħħa*[40] identifika mudelli ta' prattiċi tajbin fil-promozzjoni tas-saħħa mentali fil-psikjatrija.

Il-**Kunsill ta' l-Ewropa** fl-2006 se jibda x-xogħol biex tiġi żviluppata "Għodda ta' referenza Ewropea għal etika u d-drittijiet umani fis-saħħa mentali"

Xi pazjenti jfittxu l-kura psikjatrika residenzjali fuq bażi volontarja. It-tqegħid ta' *bilfors* ta' pazjenti f'istituzzjonijiet psikjatriċi u trattament involontarju jaffetwa ħażin ħafna d-drittijiet tagħhom. Dan għandu jiġi applikat biss fejn ikunu fallew alternattivi anqas ristrettivi.

Il-proġett "Id-Dħul Obbligatorju u Trattament Involontarju ta' Pazjenti Morda Mentalment – Leġiżlazzjoni u Prattika fl-Istati Membri ta' l-UE"[41] juri li regolamenti legali fost il-pajjiżi ta' l-UE kienu eteroġenei ħafna. Tradizzjonijiet u attitudnijiet kulturali kif ukoll l-istruttura u l-kwalità tas-sistemi tal-kura fis-saħħa mentali jiddeterminaw ukoll il-prattika innifisha. Il-prevalanza ta' dħul obbligatorju tvarja bil-kbir bejn l-Istati Membri.

Sfidi għas-saħħa mentali u d-dinjità ta' persuni jistgħu jeżistu wkoll f'ambjenti oħra residenzjali, bħal djar ta' kura għal anzjani, istituti tat-tfal jew ħabsijiet.

***Inizjtattivi possibbli fil-livell Komunitarju:***

- Suġġerimenti żviluppati permezz ta' proċess ta' konsultazzjoni jistgħu jidentifikaw l-**aħjar prattika għall-promozzjoni ta' l-inkluzjoni soċjali u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'saħħa mentali ħażina jew b'diżabiltà**.

- Persuni b'saħħa mentali ħażina jew b'diżabiltà flimkien mas-sitwazzjoni f'istituzzjonijiet psikjatriċi jistgħu jkunu inklużi fl-attivitajiet ta' l-**Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali** ta' l-UE, li se tibda topera sa l-1 ta' Jannar 2007[42].

## 6.3. It-titjib ta' l-informazzjoni u l-għarfien dwar is-saħħa mentali fl-UE

Is-saħħa mentali hija koperta ħażin ħafna minn sistemi eżistenti ta' monitoraġġ tas-saħħa. Hemm bżonn ta' sforzi kbar biex jarmonizzaw l-indikaturi nazzjonali u internazzjonali eżistenti dwar is-saħħa mentali u d-diżabiltà fil-popolazzjonijiet biex tinħoloq *dataset* li tkun komparabbli fl-Ewropa kollha. Hemm bżonn ta' aktar informazzjoni dwar id-determinanti demografiċi u ekonomiċi tas-saħħa mentali, kif ukoll ta' infrastrutturi, attivitajiet u riżorsi promozzjonali u preventivi.

Għandu jiġi identifikat kif strumenti disponibbli tal-Komunità bħas-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka[43] jistgħu jintużaw biex jinbnew kapaċitajiet ta' riċerka u biex jappoġġjaw riċerka għas-saħħa mentali fl-UE. Għarfien aħjar dwar ir-rilevanza tas-saħħa mentali u l-konsegwenzi ta' saħħa mentali ħażina fuq is-saħħa, il-kwalità tal-ħajja, l-assistenza soċjali u ekonomika, l-inklużjoni soċjali u d-drittijiet fundamentali, u fuq is-servizzi tas-saħħa mentali (eż. l-ekwità, l-aċċess), jippermettu t-tijib tal-prattiċi li jintużaw bħalissa.

***Inizjtattiva possibbli fil-livell Komunitarju:***

Jista' jiġi stabbilit punt ta' kuntattbejn il-politika u r-riċerka li jlaqqa' flimkien awtoritajiet Komunitarji u nazzjonali, istituzzjonijiet u *stakeholders*. Ir-rwol tiegħu jista' jkun li jagħti parir fuq l-indikaturi rilevanti tas-saħħa mentali għall-UE, il-monitoraġġ tas-saħħa mentali, u l-prijoritajiet għal attivitajiet ta' riċerka fil-livell Ewropew.

## 7. PROĊESS TA' KONSULTAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP TA' STRATEĠIJA TA' L-UE DWAR IS-SAĦĦA MENTALI

Ir-rilevanza tas-saħħa mentali għal għadd ta' oqsma tagħmilha ħaġa f'lokha li tiġi żviluppata strateġija ta' l-UE dwar is-saħħa mentali bbażata fuq proċess konsultattiv wiesgħa u inklussiv.

L-attivitajiet li ġejjn huma previsti:

### 7.1. Il-Ħolqien ta' Djalogu dwar is-Saħħa Mentali ma' l-Istati Membri

Dan il-forum se jippermetti l-iskambju u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Oġġettiv wieħed huwa l-identifikazzjoni ta' prioritajiet u elementi għal pjan ta' azzjoni dwar is-saħħa mentali, li twassal għal sett ta' azzjonijiet tal-qalba fil-politika tas-saħħa u mhux, flimkien ma' miri, normi ta' referenza, skeda ta' dati għal azzjoni u mekkaniżmu għall-monitoraġġ ta'l-implimentazzjoni. Il-Pjan ta' Azzjoni tad-*WHO* għas-Saħħa Mentali għall-Ewropa jista' jservi ta' mudell, flimkien mal-Pjan ta' Azzjoni "Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tad-Disturbi Mentali: Politika għall-Ewropa" żviluppat taħt il-Programm tas-Saħħa Pubblika ta' l-UE[44]. Id-Djalodu għandu jikkonsidra wkoll il-bżonn li iż-żewġ Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar a) il-promozzjoni tas-saħħa mentali u b) it-tnaqqis ta' l-aġir dipressiv u suwiċidjali.

### 7.2. It-tnedija ta' Pjattaforma ta' l-UE għas-Saħħa Mentali

Il-Pjattaforma ta' l-UE dwar is-Saħħa Mentali għandha tippromwovi kooperazzjoni fis-setturi kollha u kunsens fuq is-saħħa mentali permezz ta' l-involviment ta' atturi varji bħal dawk li jfasslu l-politika, esperti u *stakeholders* mis-setturi tas-saħħa u lilhinn minnhom, u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-Pjattaforma għandha tanalizza aspetti prinċipali tas-saħħa mentali, tidentifika prattiċi bbażati fuq l-evidenza, tiżviluppa rakkomandazzjonijiet għall-azzjoni, anke fil-livell tal-Komunità, u tidentifika l-aħjar prattika għal promozzjoni ta' l-inklużjoni soċjali tal-persuni b'saħħa mentali ħażina u b'diżabiltà u għal protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u d-dinjità tagħhom, li kollha jistgħu jidħlu bħala parti mid-Djalogu ma' l-Istati Membri.

### 7.3. L-iżvilupp ta' punt ta' kuntatt bejn il-politika u riċerka fuq is-saħħa mentali

Dan il-grupp għandu jinvolvi lill-partijiet prinċipali rilevanti biex jistumulaw djalogu dwar l-iżvilupp ta' sistema indikattiva li tkun tinkludi informazzjoni dwar is-saħħa mentali u d-determinanti tagħha, l-evalwazzjoni ta' l-impatt u prattika bbażata fuq l-evidenza. Għandu jesplora l-aktar metodi effettivi ta' kif prioritajiet ta' riċerka jistgħu jiġu identifikati, u biex jassigura kuntatt aħjar bejn is-sistemi ta' *data*, għarfien mir-riċerka u tfassil tal-politika. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu għandhom jiġu inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni.

## 8. IL-PASSI LI JMISS

Hemm ftehim ġenerali li d-dimensjoni umana, soċjali u dik ekonomika tas-saħħa mentali għandhom bżonn ta' rikonoxximent minn dawk li jfasslu l-politika kif ukoll ta' għarfien akbar fost il-pubbliku. Qed jittieħdu inizjattivi importanti fil-livell ta' l-Istati Membri, l-UE u tad-*WHO*. Il-Kummissjoni tistieden lil dawk iċ-ċittadini, partijiet, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea bies jikkontribwixxu fit-tħejjija ta' Strateġija possibbli ta' l-UE u Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa Mentali billi jikkummentaw dwar din il-*Green Paper*.

**Il-Kummissjoni hija partikolarment interessata f'opinjonijiet dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:**

(1) Kemm hija rilevanti s-saħħa mentali tal-popolazzjoni għall-miri ta' l-istrateġija politika ta' l-UE, kif diskuss f'sezzjoni 1?

(2) L-iżvilupp ta' strateġija komprensiva ta' l-UE dwar is-saħħa mentali tkompli żżid il-valur lil dawk l-azzjonijiet li jeżistu diġà u li hemm ippjanati, u sezzjoni 5 tipproponi prijoritajiet adegwati?

(3) L-inizjattivi proposti f'sezzjonijiet 6 u 7 huma adegwati biex jappoġġjaw il-koordinazzjoni bejn Stati Membri, biex jippromwovu l-integrazzjoni tas-saħħa mentali fil-politika tas-saħħa u mhux fl-azzjoni ta' l-istakeholders, u biex ittejjeb ir-rabta bejn ir-riċerka u l-politika dwar aspetti ta' saħħa?

Kontribuzzjonijiet fil-kuntest ta' dan il-proċess ta' konsultazzjoni għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni sal-**31 ta' Mejju 2006**, permezz ta' messaġġ elettroniku fl-indirizz mental-health@cec.eu.int, jew bil-posta f'dan l-indirizz:

Il-Kummissjoni Ewropea

*Directorate-general for Health and Consumer Protection*

*Unit C/2 "Health Information"*

*L-2920 Luxembourg*

Il-kontribuzzjonijiet se jiġu ppublikati fuq il-websajt tal-Kummissjoni[45], sakemm ma jkunx espliċitament mitlub biex dan ma jsirx. Lejn l-aħhar ta' l-2006, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tippreżenta l-analiżi tagħha dwar ir-reazzjonijiet li jaslulha, flimkien, jekk dan ikun f'loku, mal-proposta u/jew l-inizjattivi tagħha għal strateġija ta' l-UE dwar is-saħħa mentali.

## ANNESS 1
## The functional model of mental health




**Source:**

Lahtinen, E., Lehtinen, V., Riikonen, E., Ahonen, J. (eds.): Framework for promoting mental health in Europe, Hamina 1999

## ANNESS 2
## Estimated number of subjects in the general EU population (age 18–65) affected by mental disorders within past 12 months[46]

| Diagnosis (DSM-IV) | 12-month estimate (%) | 12-month estimate (million) |
|---|---|---|
| Alcohol dependence | 2.4 | 7.2 |
| Illicit substance dependence | 0.7 | 2.0 |
| Psychotic disorders | 1.2 | 3.7 |
| Major depression | 6.1 | 18.4 |
| Bipolar disorder | 0.8 | 2.4 |
| Panic disorder | 1.8 | 5.3 |
| Agoraphobia | 1.3 | 4.0 |
| Social phobia | 2.2 | 6.7 |
| Generalised Anxiety Disorder (GAD) | 2.0 | 5.9 |
| Specific phobias | 6.1 | 18.5 |
| Obsessive-compulsive Disorder (OCD) | 0.9 | 2.7 |
| Somatoform disorders | 6.3 | 18.9 |
| Eating disorders | 0.4 | 1.2 |
| Any mental disorder | 27.4 | 82.7 |

**Source:**

Hans-Ulrich Wittchen, Frank Jacobi (2005). Size and burden of mental disorders in Europe: a critical review and appraisal of 27 studies. European Neurospsychopharmacology, Volume 15, Number 4, pp. 357-376. 12-months valUEs rounded by Commission. Percentage valUEs based on Commission's own calculations.

**ANNESS 3**

**Standardised death rate for suicide per 100.000 people across EU Member States in 2002[47]**



**ANNESS 4**
**Long term economic costs of mental health problems. Costs converted to Euros and 2002 prices used**




**Source:**

Scott, S.; Knapp, M.; Henderson, J.; Maughan, B.: Financial cost of social exclusion. Follow-up study of anti-social children into adulthood, British Medical Journal (BMJ), 323, 191-196. Costs converted into Euro-valUEs by David McDaid, Mental Health Economics European Network.

**ANNESS 5**

**Summary of selected EC events relating to mental health between 1999 and 2005**

| Year | Title of the event | Level | Council resolutions/conclusions |
|---|---|---|---|
| 04/1999 | Balancing Mental Health Promotion and Mental Health Care | Joint EU/WHO Meeting | |
| 10/1999 | European Conference on Promotion of Mental Health and Social Inclusion | EU Presidency | Council resolution on the promotion of mental health |
| 03/2000 | Health Determinants in the EU | EU Presidency | Council resolution on action on health determinants |
| 06/2000 | Violence and Promotion of Mental Health of Children and Young People | EU Presidency | |
| 09/2000 | Prevention of Youth Suicide | EU Presidency | |
| 01/2001 | Young People and Alcohol | WHO Ministerial conference/EU Presidency | Council conclusions on a Community strategy to reduce alcohol-related harm |
| 09/2001 | Future Mental Health Challenges in Europe: Impact of Other Policies on Mental Health | Joint EU/WHO Meeting | |
| 10/2001 | Coping with Stress and Depression-Related Problems in Europe | Joint EU Presidency and WHO | Council conclusions on combating stress and depression-related problems |
| 12/2002 | Future Mental Health Challenges in Europe: Strengthening Co-operation between EU and WHO | Joint EU/WHO seminar | |
| 03/2003 | Mental Illness and Stigma in Europe: Facing up to the Challenges of Social Inclusion and Equity | Joint EU Presidency, WHO and Council of Europe | Council conclusions on combating stigma and discrimination in relation to mental health |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 10/2003 | Mental Health in Europe: New Challenges, New Opportunities | EC-funded conference/co-sponsored by WHO | |
| 09/2004 | The Mental Health of Children and Adolescents | Jointly organised by Commission/WHO/Luxembourg | |
| 01/2005 | WHO Europe Ministerial Conference on Mental Health | Commission as a coorganiser | |

**ANNESS 6**
**Mental Health Expenditure in European Economic Area countries (% of total health expenditure)**




**Source:**

Mental Health Economics European Network (2004)

**ANNESS 7**

**Social, environmental and economic determinants of mental health**

| Risk factors | Protective factors |
|---|---|
| Access to drugs and alcohol | Empowerment |
| Displacement | Ethnic minorities integration |
| Isolation and alienation | Positive interpersonal interactions |
| Lack of education, transport, housing | Social participation |
| Neighbourhood disorganisation | Social responsibility and tolerance |
| Peer rejection | Social services |
| Poor social circumstances | Social support and community networks |
| Poor nutrition | |
| Poverty | |
| Racial injustice and discrimination | |
| Social disadvantage | |
| Urbanisation | |
| Violence and delinqUEncy | |
| War | |
| Work stress | |
| Unemployment | |

**Source:**

WHO: Prevention of Mental Disorders. Effective Interventions and Policy Options, Summary Report, Geneva 2004, p.21

## REFERENZI

---

[1] Kommunikazzjoni "Miri Strateġiċi 2005-2009. Ewropa 2010: Sħubija għat-Tiġdid Ewropew Prosperità, Solidarjetà u Sigurtà, COM(2005)12 tas-26.01.2005

[2] WHO, Strengthening mental health promotion, Ġinevra 2001 (Fact sheet no. 220)

[3] Wittchen HU, Jacobi F: Size and burden of mental disorders in Europe: a critical review and appraisal of 27 studies. European Neurospsychopharmacology, Volum 15 (2005), Għadd 4, pp. 357-376. Il-valuri tas-perċentwali bbażati fuq il-kalkoli tal-Kummissjoni stess.

[4] WHO, World Health Report 2001, p. 11. http://www.who.int/whr/2001

[5] Imwiet ikkawżati minn inċidenti tat-traffiku: 50 700, omiċidju: 5 350, *HIV/AIDS*: 5 000, figuri tad-*WHO* għall-2002. Kalkoli proprji bbażati fuq statistiċi ta' l-*Eurostat* u l-*Health For All Mortality database* tad-*WHO*

[6] Stima mill-*ILO*. http://agency.osha.eu.int/publications/newsletter/8/en/index_23.htm

[7] Kif ikkonfermat min-*Network* Ewropew ta' l-Ekonomija tas-Saħħa Mentali, proġett kofinanzjat mill-Programm ta' Promozzjoni tas-Saħħa tal-Komunità (1997-2002), implementat minn *Mental Health Europe-Santé Mentale Europe*, (2001-2003), http://www.mentalhealth-econ.org.

[8] Scott S, Knapp M, Henderson J, Maughan B: Financial costs of social exclusion: follow-up study of antisocial children into adulthood, British Medical Journal, 323 (2001), 191-196.

[9] Il-konferenza stabilixxiet Dikjarazzjoni tas-Saħħa Mentali għall-Ewropa u Pjan ta' Azzjoni għas-Saħħa Mentali għall-Ewropa, it-tnejn għar-Reġjun Ewropew tad-*WHO*. http://www.euro.who.int/mentalhealth2005

[10] Huma biss 26% ta' l-adulti Ewropej b'disturb mentali li għandhom kuntatt ma' servizzi formali tas-saħħa (Alonso, J., Angermeyer, M., Bernert, S.*et al.* (2004). Use of Mental Health Services in Europe: Results from the European Study on Epidemiology of Mental Disorders (ESEMeD) Project. Acta Psychiatr Scand; 109 (suppl 420): 47-54.

[11] Artikolu 152 tat-Trattat tal-KE, http://europa.eu.int/eur-lex/en/treaties/selected/livre235.html

[12] Deskrizzjoni fil-qosor tingħata fil-publikazzjoni: "Azzjoni għas-Saħħa Mentali. Attivitajiet kofinanzjati mill-Programmi tas-Saħħa Pubblika tal-Komunità Ewropea 1997-2004", http://europa.eu.int/comm/health/ph_determinants/life_style/mental_health_en.htm. Lista tal-proġetti kollha simili li ntemmu u li hemm għaddejjin bħalissa tinkiseb minn: http://europa.eu.int/comm/health/ph_projects/project_en.htm

[13] Deċiżjoni Nu 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008). Ġurnal Uffiċjali L 271, tad-09.10.2002

[14] Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' November 2000 li tistabilixxi qafas ġenerali għal trattament ugwali fl-impjieg u kariga, Ġurnal Uffiċjali L303 tat-2.12.2000, 16-22

[15] Il-Ħames Programm ta' Qafas għar-riċerka, żvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (1998 sa 2002), Deċiżjoni Nu 182/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22.12.1998, Ġurnal Uffiċjali L26/1 tal-01.02.1999, is-Sitt Programm ta' Qafas għar-riċerka, żvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni li jkopri l-perjodu 2002-2006, Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27.06.2002, Ġurnal Uffiċjali L232/1 tad-29.08.2002; Ġurnal Uffiċjali L294/1 tad-29.10.02.

[16] Id-Diżabilità fis-Saħħa Mentali : evalwazzjoni Ewropea fis-sena 2000, MHEDEA-2000, Proġett ta' RTD QLG5-1999-01042, http://dbs.cordis.lu/fep-cgi/srchidadb?ACTION=D&SESSION=41092005-9-8&DOC=18&TBL=EN_PROJ&RCN=EP_DUR:36&CALLER=PROJ_LIFE

[17] Lista ta' proġetti relatati mas-saħħa jinstabu taħt il-Programm ta' Teknoloġiji tas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni (*IST*) taħt il-Programmi ta' Qafas għar-Riċerka tista' tinkiseb minn http://www.cordis.lu/ist/ka1/health/projectbooklet/others.htm. Proġetti relatati mas-saħħa mentali jinkludu *MULTIPLE, ALDICT, ACTION, TASK, ASTRID, MEDIATE* u *VEPSY UPDATED*.

[18] http://europa.eu.int/comm/justice_home/funding/daphne/funding_daphne_en.htm

[19] Eurostat. Figuri għall-2002 (Greċja: l-aħħar figura disponibbli), bħal fl-anness 2.

[20] Proġett kofinanzjat mill-Programm tal-Komunità għal Monitoraġġ tas-Saħħa (1998-2002) implimentat mill-*Mutelle Générale de l'Education Nationale*, Pariġi (2001-2004). Il-proġett kopra dawk li qabel kienu l-15-il-Stat Membru ta' l-UE, in-Norveġja u l-Islanda, http://europa.eu.int/comm/health/ph_projects/2001/monitoring/fp_monitoring_2001_frep_06_en.pdf. Bħalissa qed jiġi implimentat proġett li jikkorrispondi biex jiġbor id-*data* u l-informazzjoni għall-Istati Membri l-

ġodda, bħala parti mill-proġett "Informazzjoni dwar is-Saħħa Mentali u Determinanti għal-Livell Ewropew" kofinanzjat mill-Programm tal-Komunità għal Monitoraġġ tas-Saħħa (2003-2008), implementat minn *STAKES*, il-Finlandja, http://www.stakes.fi/mentalhealth/mindful.html.

21 Imwaqqaf minn proġett kofinanzjat mill-Programm tal-Komunità għal Monitoraġġ tas-Saħħa (2003-2008): *Generalitat de Catalunya, European Platform for Mental Health Promotion and Mental Disorder Prevention: indicators, interventions and strategies*. Http://www.impha.net

22 Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 1999 dwar il-promozzjoni tas-saħħa mentali. Ġurnal Uffiċjali C 086, tal-24/03/2000 P. 0001 - 0002, Rakomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2001 dwar ix-xorb ta' l-alkoħol miż-żgħażagħ. Ġurnal Uffiċjali L161, tas-16/06/2001, P. 0038- 0041

Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2001 dwar strateġija tal-Komunità biex titnaqqas il-ħsara relatata ma' l-alkoħol. Ġurnal Uffiċjali C 175, tal-20/06/2001 P. 0001- 0002

Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2001 dwar il-ġlieda kontra t-tensjoni u problemi relatati mad-dipressjoni. Ġurnal Uffiċjali C 175, tad- 09/01/2002 P. 0001- 0002

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-istigma u d-diskriminazzjoni fir-rigward tal-mard mentali tat-2 ta' Ġunju 2003. Ġurnal Uffiċjali C 141, tas-17/06/2003 P.0001-0002

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Azzjoni Komunitarja dwar is-Saħħa Mentali tat-3 ta' Ġunju 2005 http://europa.eu.int/comm/health/ph_determinants/life_style/mental/docs/ev_20050602_en.pdf

23 Proġett kofinanzjat taħt il-Programm tal-Komunità dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa (1997-2002): *Academic Centre of Social Sciences, University of Nijmegen: Integrating mental health promotion interventions into countries' policies, practice and the health care system (2002-2005)*, www.imhpa.net

24 Id-dokumenti jistgħu jitniżżlu minn: http://europa.eu.int/comm/health/ph_projects/2002/promotion/fp_promotion_2002_frep_16_en.pdf u http://www.imhpa.net

25 Għal aktar qari: WHO: Promoting Mental Health. *Concepts, Emerging Evidence, Practice. Summary Report, Geneva 2004*; WHO: *Prevention of Mental Disorders. Effective Interventions and Policy Options, Summary Report, Geneva 2004*. http://www.who.int/mental/evidence/en

26 Proġetti kofinanzjati mill-Programm tal-Komunità għall-Promozzjoni tas-Saħħa Mentali: *Mental Health Europe-Santé Mentale Europe, Mental Health Promotion of Adolescents and Young People (2000-2001)*, http://europa.eu.int/comm/health/ph_projects/2000/promotion/promotion_project_2000_full_en.htm#14; *Mental Health Europe-Santé Mentale Europe, Mental Health Promotion of Children up to 6 years of Age (1997-1999)*, http://europa.eu.int/comm/health/ph_projects/1998/promotion/promotion_project_1998_full_en.htm#17.

27 Merllie, D. & Paoli, P. (2001) *Ten years of working conditions in the European Union*. Dublin*: European Foundation for the Improvement of Living and Working Conditions*

28 Proġetti kofinanzjat mill-Programm tal-Komunità dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa: *Belgische Interuniversitair Centrum, Coping with Stress and Depression-related Problems in Europe (2001-2003)*, http://europa.eu.int/comm/health/ph_projects/2001/promotion/promotion_project_2001_full_en.htm#7

Promozzjoni tas-Saħħa Mentali u Strateġiji ta' Prevenzjoni għal Immaniġġjar ta' disturbi relatati ma' l-Ansjetà, d-Dipressjoni u t-Tensjoni fl-Ewropa 2001-2003), http://europa.eu.int/comm/health/ph_projects/2001/promotion/promotion_project_2001_full_en.htm#2

29 bħal fin-nota 21

30 Proġett kofinanzjat mill-Programm tal-Komunità dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa: *Universidad de Deusto, Faculty of Sociology, Unemployment and Mental Health,* http://europa.eu.int/comm/health/ph_projects/1999/promotion/promotion_project_1999_full_en.htm#6

31 Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-18.11.1999 (ara n-nota 22) dwar il-promozzjoni tas-saħħa mentali stiednet lill-Kummissjoni biex wara konsultazzjoni ma' l-Istati Membri, tikkunsidra l-bżonn li tressaq proposta għal rakomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tas-saħħa mentali.

32 Rapport ta' l-esperti "Azzjonijiet kontra d-dipressjoni. Titjib fis-saħħa mentali u l-benessri billi jkunu miġġielda l-konsegwenzi ħżiena fuq is-saħħa u dawk soċjali u ekonomiċi tad-dipressjoni, ", Kummissjoni 2004. http://europa.eu.int/comm/health/ph_determinants/life_style/mental/depression_en.htm

33 http://europa.eu.int/comm/health/ph_determinants/life_style/drug/documents/drug_strategy0512_en.pdf

34 Ġurnal Uffiċjali C 168 tat-08/07/2005, p. 1-18

35 http://europa.eu.int/eur-lex/pri/en/oj/dat/2003/l_165/l_16520030703en00310033.pdf

[36] Proġett kofinanzjat mill-Programm tal-Komunità dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa 2003-2008, implimentat mil-*Ludwig Maximilians-University* Munich (2004-2005), http://www.eaad.net

[37] Berger, H (1999). Health Promotion - A Change in the Paradigms of Psychiatry. F': Berger, H., K. Krajic, R. Paul (Hrsg.): Health Promoting Hospitals in Practice: Developing Projects and Networks. Conrad, Gamburg

[38] Proġett taħt il-Fond Soċjali Ewropew: L-inklużjoni fl-Ewropa, Inklużi fis-soċjetà (2003-2004), http://europa.eu.int/comm/employment_social/index/socinc_en.pdf

[39] "Analiżi komparattiva tan-nefqa: Servizzi bbażati fil-komunità huma alternattivi għal istituzzjonijiet", numru tat-*tender* VT/2005/021, Ġurnal Uffiċjali tat-22 ta' Ġunju 2005 N° 2005/S 119-117014

[40] http://www.hpps.net

[41] Proġett kofinanzjat mill-Programm tal-Monitoraġġ tas-Saħħa tal-Komunità (1997-2002), implimentat mill-Institute of Mental Health, Mannheim (2000-2002). http://europa.eu.int/comm/health/ph_projects/2000/promotion/promotion_project_2000_full_en.htm#8

[42] COM(2005)280 tat-30 ta' Ġunju 2005

[43] Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007 sa 2013) COM(2005) Finali 119 tas-6 ta' April 2005

[44] Żviluppat taħt il-proġett "L-implimentazzjoni tas-Saħħa Mentali f'Azzjonijiet ta' Politika (IMPHA)" www.imhpa.net

[45] http://europa.eu.int/comm/health/ph_determinants/life_style/mental/green_paper/consultation_en.htm

[46] Popolazzjoni totali tal-pajjiżi ta' l-UE (flimkien ma' l-Islanda, n-Norveġja u l-Iżvizzera; età 18-65): 301.7 miljuni

[47] Sors: Eurostat, Tal-Greċja l-aħħar sena disponibbli. Jekk jogħġbok innota li l-istatistiċi uffiċjali probabbli jissottovalutaw il-mewt mis-suwiċidji. Ir-reġistar ta' mewt bħala suwiċidju jiddependi fuq ħafna fatturi, inkluż dawk kulturali u reliġjużi.